Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2004

Avviz Numru. 72/2002/1

**Avviz numru 72/02DM**

**Alan Caruana Carabez**

**Vs**

**Adam Abuhmeda Cini maghruf wkoll bhala Adam Cini**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta' liema l-attur talab il-kundanna tal-konvenut, sabiex din l-Onorabbli Qorti prevja d-dikjarazzjoni li l-attur kien minorenni meta iffirma kambjalijiet favur il-konvenut umeta sar in-negozju bejnithom:

1 Tiddikjara illi t-tnejn u erbghajn (42) kambjala iffirmati mill-attur favur il-konvenut ghas-somma ta' Lm3600 fis-6 ta' Mejju 2001 u f'Novembru 2001 huma kollha nulli u bla effett fil-ligi;

2 Tordna lill-konvenut jirritorna lill-attur il-kambjalijiet kollha iffirmati mill-attur li fil-present ghandhu fil-pussess tieghu u li jammontaw ghal 35 kambjala, u dana f'zmien qasir u perentorju li jigi iffissat minn dina l-Onorabbli Qorti;
3 Tiddikjara ghal kull bon fini illi l-biegh tal-mutur Yamaha FZR 600 li sar bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi;
4 Tiddikjara illi l-biegh tal-maintain bike tal-marka Ideal, li sar bejn il-kontendenti huwa null u bla effett fil-ligi;
5 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lura lill-attur is-somma ta' seba mitt lira Maltin (Lm700) gia imhallsin mill-attur (qabel ma kellu 18 il-sena) lill-konvenut u dana billi kienu skjadew seba (7) kambjalijiet ta Lm100.00 kull wahda; u
6 Tikkundanna lill-konvenut jhallas lura l-attur is-somma ta' LM375.00 gia imhallsin mill-attur (qabel ma kellu 18 il-sena) lill-konvenut u dana kif sejjer jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Bl-ispejjez komprizi dawk ta' ittra bonarja datat 24 ta' Dicembru 2001 u ta' Mandat ta' Sekwestru Nru 216/02 ippresentat kontestwalment ma l-avviz kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni u bl-imghaxijiet skond il-ligi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa illi:

1 L-inkompetenza 'ratione materiae' ta' din il-Qorti;
2 Bla pregudizzju ghas-sueccepit, it-tieni domanda attrici hija infondta fil-fatt u fil-ligi u f'kull kaz l-attur kien irratifika l-kontrattazzjoni maghmula minnu wara li ghalaq it-tmintax il-sena;
3 Konsegwentement it-tielet domanda attrici ghandha tigi wkoll michuda;
4 It-tielet u r-raba domandi attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fil-ligi kif jigi spjegat ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;
5 Il-hames domanda attrici hija wkoll infondata billi l-hlas tal-kambjali sar mill-attur akkont tal-prezz tal-

mutur akkwistat minnu bl-ghajnunu jew prestanom tal-eccepjent;
6 Is-sitt domanda hija infondata fil-fatt u fil-ligi billi l-eccipjent ma rcievix l-ammont mitlub mill-attur;
7 Bla pregudizzju ghas-sueccepit f'kaz li jintlaqghu t-tielet u r-raba' talbiet, l-attur ghandu jghamel tajjeb ghall-uzu u ghall-hsarat ikkagunati minnu fuq il-muturi in kwistjoni;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esibiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:

Ma hemmx kontestazzjoni u jirrizulta definitivament illi l-attur twieled fl-20 ta' Dicembru, 1983 (kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid esibit a fol. 21 tal-process), u li ghalhekk huwa ghalaq it-tmintax-il sena (18) u sar maggorenni fl-20 ta' Dicembru, 2001.

Konsegwentement kull obligazzjoni li biha ntrabat l-attur qabel ma ghalaq it-tmintax-il sena (18), ossia qabel l-20 ta Dicembru 2001, a tenur tal-Artikolu 969 u 970 tal-Kodici Civili, hija nulla. Infatti l-Artikolu 969(1) jipprovdi li 'hija wkoll nulla kull obligazzjoni li biha jintrabat tifel li ma ghalaqx l-eta' ta' erbatax-il sena', u l-Artikolu 970 jipprovdi li 'd-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan jghoddu wkoll fil-kaz tat-tfal li jkunu ghalqu l-eta' ta' erbatax-il sena, izda li jkun ghad m'ghalqux dik ta' tmintax-il sena jekk ikunu taht is-setgha' tal-genituri jew ikollhom kuratur bla hsara dejjem ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi dwar iz-zwieg'.

F'dan il-kaz jirrizulta li l-attur kien ghadu taht is-seta' tal-genituri tieghu u d-disposizzjonijiet taz-zwieg ma japplikawx fil-konfront tieghu.

Ghaldaqstant il-kambjalijiet esiebiti minn fol.14 sa fol. 20 tal-process ghas-somma ta' mitt lira Maltin (Lm100) kull

kambjala, u liema kambjalijiet immaturaw u thallsu qabel Dicembru, 2001, huma lkoll nulli u l-konvenut, illi rcieva l-import taghhom, ghandu jirrifondi s-somma totali ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700) lura lill-attur.

Kull kambjala ohra li setghet giet iffirmata mill-attur qabel Dicembru 2001 u li ghada fil-pussess tal-konvenut bl-istess mod hija nulla u m'ghandha ebda effett legali u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex jirritorna dawn il-kambjali lura lill-attur.

Billi jirrizulta illi dawn il-kambalijiet kienu saru biex jaghmlu tajjeb ghall-prezz ta' mutur tal-marka 'Yamaha' bin-numru FZR 600 u ta' bicikletta tal-marka 'Ideal' u billi ghall-istess motivi ta hawn fuq l-istess bejgh huwa null u bla effett, dawn iz-zewg oggetti ghandhom jigu rritornati lill-konvenut, izda billi l-mutur fil-fatt dejjem baqa' fil-pussess ta' l-istess konvenut l-attur huwa obbligat illi jirritorna biss lill-konvenut il-bicikletta tal-marka 'Ideal'.

Nonostante li l-konvenut isosstni illi effettivament ix-xiri tal-mutur kien sar direttament mill-attur minn ghand certu Robert Galea, billi jirrizulta illi effettivament it-'transfer' ta' dan il-mutur sar direttament ghal fuq il-konvenut u kien il-konvenut illi biegh l-istess mutur lill-attur, li infatti ffirma l-kambjali favur il-konvenut, ir-relazzjonijiet guridici jezistu esklussivament bejn l-attur u l-konvenut, iktar u iktar meta wiehed jikkonsidra wkoll illi *ex admissis* il-konvenut, fil-mori tal-kawza, biegh il-mutur lill-terza persuna.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni ta' inkompetenza *ratione materiae*, fin-nuqqas ta' ebda indikazzjoni dwar fuq xiex hija bbazata din l-istess eccezzjoni u billi ma jirrizulta xejn mill-atti illi jista' jindika illi dina l-Qorti m'ghandiex il-kompetenza li titratta l-materia odjerna, hija qeghda tichad din l-ewwel eccezzjoni u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi tichad l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-konvenut li ma jirrizultawx.

Konsegwentement il-Qorti tilqa' it-talbiet attrici u, filwaqt li tiddikjara li l-attur kien minorenni meta ffirma l-kambjalijiet favur il-konvenut u meta sar in-negozju bejniethom:

Qieghda tiddikjara illi t-tnejn u erbghin (42) kambjala ffirmati mill-attur favur il-konvenut ghas-somma ta’ tlett elef, u sitt mitt lira Maltin (Lm3,600) fis-6 ta’ Mejju, 2001, u f’Novembru, 2001, huma kollha nulli u bla effett fil-ligi u konsegwentement tordna lill-konvenut sabiex fiz-zmien hmistax-il jum (15) mil-lum jirritorna lill-attur il-kambjalijiet kollha ffirmati mill-istess attur u li fil-prezent ghadhom fil-pussess tal-konvenut.

Tiddikjara illi l-bejgh tal-mutur ‘Yamaha’ bin-numru FZR 600 kif ukoll tal-‘mountain bike’ tal-marka ‘Ideal’ huma nulli u bla ebda effett fil-ligi, u konsegwentement tikkunndanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700) gja mhallsin mill-istess attur u li jirrappresentaw l-import tas-seba’ (7) kambjalijiet ta’ mitt lira Maltin (lm100) il-wahda esibiti minn fol.14 sa fol.20 tal-process, salv id-dritt ta’ l-konvenut li jiehu lura l-pussess ta’ l-‘mountain bike’ “Ideal”.

Ghal dak li jirrigwarda s-sitt (6) talba ta’ l-attur ghall-kundanna tal-konvenut sabiex ihallas lura s-somma ta’ tlett mija u hamsa u sebghin lira Maltin (Lm375) imhallsin mill-attur lill-konvenut fi zmien li kien ghadu minorenni, dan ma giex ippruvat sodisfacentement u ghalhekk il-Qorti qieghda tirrespingi din l-ahhar talba ta’ l-attur.

Bl-imghax legali fuq is-somma ta’ seba’ mitt lira Maltin (Lm700) b’effett mit-28 ta’ Jannar, 2002.

Bl-ispejjez jithallsu inkwantu ghal-kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------